PARLAMENT TA' MALTA

IT-TLETTAX-IL LEĠIŻLATURA

P.L. 1130

Dokument imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Numru 78 tal-5 ta' Frar 2018 mill-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia.

______________________________

Raymond Scicluna
Skrivan tal-Kamra

**FONDI TA' €200,000 ALLOKATI FUQ BAŻI ANNWALI BEJN IL-GVERN U L-OPPOŻIZZJONI**

**3. L-Onor. Godfrey Farrugia staqsa lill-Ispeaker:** Peress li l-Parlamenti hu maqsum f'żewġ naħat: Gvern u Oppozizjoni, u peress li l-Oppożizzjoni f'din il-leġiżlatura hi magħmula minn żewġ partiti għax jien u l-Onor. Marlene Farrugia minn dejjem konna assoċjati mal-Partit Demokratiku, tista' s-Sedja tgħid:

1) Kemm hi s-somma ta' flus li tingħata mill-Parlament kull sena lill-Gvern u lill-Oppożizzjoni?

2) Jekk dan il-ħlas, li jagħmel tajjeb għall-amministrazzjoni u l-preparazzjonijiet għall-ħidma parlamentari titħallasx f'pagament sħiħ jew maqsum b'xahar b'xahar?

3) Kif hu indirizzat dan il-ħlas lin-naħa tal-Gvern u lin-naħa tal-Oppożizzjoni?

Peress li jirriżulta li dak dovut lill-Oppożizzjoni tal-Partit Demokratiku mhux qed jiġi mgħoddi lill-Partit Demokratiku, x'rimedju għandu jittieħed? Is-sedja tista' tintervjeni biex jitħares it-tqassim ġust bejn il-partiti li jiffurmaw in-naħa tal-Oppożizzjoni?

02.02.2017

**SPEAKER:** Il-fondi li jiġu allokati fuq bażi annwali taħt l-*Item 5298 – Development of relations with EU and the Mediterranean region by Political Groupings in Parliament* – u li jiġu mgħoddija lill-Grupp Parlamentari tal-Gvern u dak tal-Oppożizzjoni jammonta għal €200,000 li jinqassmu b'mod indaqs bejn tnejn. Il-pagamenti jsiru kull xahar fejn jiġu kreditati żewġ kontijiet bankarji li kienu ġew indikati mill-Whip ta' kull Grupp.

Is-Sedja tinnota li anke fid-dawl ta' sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Ġunju 2017 fuq kawża istitwita mill-Partit Laburista kontra l-Kummissjoni Elettorali, kif diġà esprimiet ruħha diversi drabi hija ma tistax tagħraf li hemm "Oppożizzjoni tal-Partit Demokratiku" iżda biss Oppożizzjoni waħda.

Għaldaqstant is-Sedja qiegħda ttenni dak li kienet ikkomunikat mal-Onor. Marlene Farrugia fil-21 ta' Novembru 2016 u ċjoè li meta ġie awtorizzat il-ħruġ ta' dawn il-fondi, kien ġie indikat ċar li dawn għandhom jinqassmu bejn Gvern u Oppożizzjoni.

Filwaqt li għar-raġunijiet imsemmija hawn fuq, is-Sedja mhix f'pożizzjoni li tintervjeni jew taqsam l-ammont li jiġi versat lejn il-kont bankarju tal-Grupp tal-Oppożizzjoni, fiċ-ċirkostanzi hija tħeġġeġ lill-partijiet konċernati sabiex jaslu fi ftehim dwar it-tqassim ta' dawn il-fondi.

Is-Sedja hawnhekk tixtieq tieħu l-okkażjoni sabiex tirreferi għas-sezzjoni 3.1.3 tal-Pjan Finanzjarju tas-Servizz Parlamentari għas-sena 2018, hawn annessa, kif approvat kemm mill-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra kif ukoll mill-istess Kamra fit-18 ta' Diċembru 2017 u terġa' tqajjem il-punt dwar l-obbligi li joħorġu mill-ftehim li kien sar maż-żewġ Gruppi Parlamentari u dwar kif dawn il-fondi jistgħu jiġu utilizzati biex jindirizzaw il-ħtiġijiet odjerni tal-istess Membri Parlamentari.

Seduta 78, 5 ta' Frar 2018

## *Extract from section 3.1.3 of the Financial Plan*

### *Development of relations with the EU and the Mediterranean region by Parliamentary Groups*

*The agreements regulating the expenditure of €200,000 under Item 5298 – 'Development of relations with EU and the Mediterranean region by Political Groupings in Parliament' may need to be revisited in view that part of the objective for which said agreements were originally entered into have been achieved following Malta's accession to the EU in 2004. Also in view of the added responsibility brought on by the move towards administrative autonomy, the Parliamentary Service is of the opinion that in order to be accountable to the House Business Committee and to the general public, there also needs to be an acceptable level of accountability from the end of the respective beneficiaries with regard to the financial allocation under this item. In this respect reference is being made to a provision of said agreements which state that:*

> *The Government/Opposition Group binds itself to provide the House of Representatives with the necessary documentation and/or data to substantiate that the moneys refunded to it by the House of Representatives are being utilised according to the terms of this agreement.*

*One may also explore whether these agreements, which relate to the provision of consultancy and research assistance by third parties, may be utilised for the provision of research support services to the Members of the respective parliamentary groups, thereby addressing repeated requests for individual support by MPs.*